18 ta' Frar, 1948.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Joseph Bartolo *versus* Anthony Spiteri

**Mandat ta' Impediment ta' Safar — Nullità — Penali — Danni — Art. 92 §1 (c) (d), 866, 869 u 872 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta mandat ta' l-impediment tas-safar jiġi mitlub fil-pendenza tal-kawża dwar il-meritu kawtelat b'dak il-mandat, min jitlob il-ħruġ tiegħu għandu wkoll, barra ċ-ċirkustanzi l-oħra li għandu jsemmi fir-rikors, jiġifieri illi bis-safar tal-persuna jew bit-tluq tal-bastiment il-pretensjoni tista' tiġi skartata, iwettaq bil-ġurament li hemm dik il-kawża miexja.*

*Din ma hix formalità eżjuża fil-liġi, imma hija sostanzjali, li jekk ma tiġix imsemmija ġġib għan-nullità tal-mandat.*

*Il-Qorti għandha dejjem id-dritt li tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat meta jirriżultalha, anki "aliunde" minn atti pendenti quddiemha, li lok tal-mandat ma jkunx hemm; u meta l-Qorti ssib li l-mandat ġie ottenut maliżzjożament tista' tikkundanna lil min ottenieh għal penali.*

*Barra minn dan, jekk min ottjena l-mandat ma jiddeduċix fi żmien erbat ijiem ir-raġunijiet kawtelati b'dak il-mandat, jirrendi ruħu passibbli tad-danni u l-interessi.*

L-attur fit-taħrika tal li fit-23 ta' Jannar 1948 il-konvenut ħalef illi għandu d-dritt jikkawtela d-drittijiet tiegħu fuq permess li kien fuq il-ħanut "Falrex" u fuq parti tar-rigal li għadu f'idejh, permess li għadu ma ġiex trasferit fuqu, kontra tiegħu, liema pretensjoni hija ta' £600, u ottjena għall-kawtela ta' dawn id-drittijiet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' impediment ta' safar kontra tiegħu (dok A); u illi l-konvenut ma ddeduċiex f'kawża ġdida quddiem din il-Qorti ż-żewġ pretensjonijiet wara l-ħruġ ta' l-imsemmi mandat skond ma jiddisponi l-art. 872 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; huwa ppreżenta rikors fit-3 ta' Frar 1948, fejn talab il-ħruġ ta' kontromandat għall-imsemmi mandat ta' impediment ta' safar tat-23 ta' Jannar 1948, u din a l-Qorti b'digriet tal-10 ta' Frar 1948 irrevokat l-imsemmi mandat in kwantu jirrigwarda l-pretensjoni ta' £300 fuq ir-rigal, u ordnat li għar-revoka tal-mandat in kwantu jirrigwarda l-pretensjoni fuq il-permess

imsemmi fil-mandat huwa jipproċedi skond il-liġi, salvo li jekk ikun hemm bżonn jitlob l-urġenza skond il-liġi; u li l-konvenut qal fir-risposta tiegħu li l-pretensjonijiet fil-mandat fuq imsemmi ġew ġà dedotti fiċ-ċitazzjoni numru 516/1947 li qiegħda quddiem din il-Qorti, u jekk hu hekk il-mandat hu difettuż għaliex hemm nuqqas ta' partikolarità sostanzjali meħtieġa mill-liġi espressament, skond kif jiddisponi l-art. 866 ta' l-imsemmija Proċedura Ċivili, u dana jġib in-nullità ta' l-istess skond l-art. 792 (1) (d); u li skond verbal tat-23 ta' Jannar 1948 fil-kawża "Antonio Sipteri vs. Joseph Bartolo", fol. 18 ta' dik iċ-ċitazzjoni, hemm li l-partijiet jaqblu li fil-21 ta' Jannar 1948 il-konvenut Bartolo dawwar il-permessi kollha li kellu fuq il-ħanut "Falrex" favur l-attur Sipteri; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, jiġi revokat l-imsemmi mandat ta' impediment ta' safar maħruġ kontra tiegħu fit-23 ta' Jannar 1948 fuq talba tal-konvenut, ukoll in kwantu jirrigwarda l-pretensjoni fuq il-permess fil-mandat imsemmi, u dana għar-raġunijiet fuq esposti u għal dawk kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u jekk hemm bżonn, l-imsemmi mandat ta' impediment ta' safar jiġi dikjarat null u ta' ebda effett għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal dawk li jirriżultaw ma' tul it-trattazzjoni tal-kawża; u l-konvenut jiġi dikjarat responsabili ta' kwalunkwe danni li huwa sofra jew jista' jsofri in konsegwenza ta' l-imsemmi mandat, li jiġu likwidati f'dana jew f'ġudizzju ieħor; u l-konvenut jiġi kundannat iħallaslu l-penalitajiet imsemmija fil-liġi in konsegwenza tal-vessatorjetà ta' l-imsemmi mandat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tar-rikors tat-3 ta' Frar 1948;

*Omissis;*

Il-Qorti tirrileva li l-konvenut kien talab il-ħruġ ta' mandat ta' l-impediment tas-safar kontra l-attur b'rikors tal-21 ta' Jannar 1948, biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu għat-trasferiment tal-liċenzi u avvjament tal-ħanut "Falrex", u l-Qorti, b'digriet tat-23 ta' Jannar 1948, irrevokat dak il-mandat, wara li rrilevat li l-liċenzi kollha li kellu l-konvenut fuq il-ħanut ġew trasferiti fil-21 ta' Jannar 1948 favur il-konvenut Spiteri, u li anki qabel il-mandat il-konvenut Spiteri kellu l-pussess materjali u l-ġestjoni ta' dak l-istess ħanut. U tabilħaqq l-attur Bartolo, f'dik l-okkażjoni tar-revoka, kien xehed.........

B'danakollu dak in-nhar stess il-konvenut Spiteri talab il-ħruġ ta' mandat ieħor ta' l-impediment *tas-safar kontra* l-attur Bartolo b'ex jikkawtela d-drittijiet tiegħu fuq permess li kien fuq il-ħanut "Falrex" u fuq parti tar-rigal li għadu f'idejn Joseph Bartolo, permess li għadu ma ġiex trasferit fuqu—dina l-pretensjoni hija ta' £600 (dok. fol. 5). Fuq rikors ta' l-attur għar-revoka ta' dal-mandat, il-konvenut Spiteri ddikjara li l-mandat kien ġie mitlub b'kawtela tad-drittijiet tiegħu dedotti biċ-ċitazzjoni numru 516 ta' l-1947, u mhux b'kawtela tad-drittijiet dedotti biċ-ċitazzjoni numru 52 ta' l-1948. Kien preċiżament fil-kawża ċitazzjoni numru 516 ta' l-1947 li dil-Qorti rrevokat il-mandat, kif ġà ntqal, u fl-ebda kawża oħra ma ġie dedott id-dritt għal parti tar-rigal. Għaldaqstant il-Qorti ma tifhemx il-għala l-konvenut Spiteri, wara l-provvediment tat-23 ta' Jannar 1948, raġa' talab il-ħruġ tal-mandat b'kawtela ta' trasferiment ta' permess;

Il-konvenut Spiteri sostna li l-attur Bartolo kellu jittrasferilu permess għal manifattura tal-ħelu u ma ttrasferihulux. Iżda sew f'dil-kawża........... kemm fil-kawża ċitazzjoni numru 516/1947, irriżulta li l-attur Bartolo qatt ma kellu permess għal manifattura tal-ħelu f'dak il-ħanut, u għalhekk ma setax jittrasferih lill-konvenut Spiteri. Fil-kawża fuq imsemmija ċitazzjoni numru 516 ta' l-1947 il-konvenut Spiteri, bħala attur f'dik il-kawża, talab il-kundanna għat-trasferiment tal-liċenzi li l-attur, konvenut f'dik il-kawża, kellu fuq dak il-ħanut, u ma talabx danni jew drittijiet oħrajn ta' permessi li Bartolo ma kellux. Għaldaqstant, fil-waqt li għat-trasferiment tal-permessi li Bartolo kellu dina l-Qorti kienet ġà rriteniet li ma kienx hemm lok iżjed għall-mandat u rrevokatu, għat-trasferiment ta' permess li Bartolo seta qatt wiegħed, iżda li ma kellux fuq dak il-ħanut, Spiteri ma ddeduċa ebda domanda, la qabel u lanqas in segwitu għall-mandat in kwistjoni. Kwantu mbagħad għall-mandat in kwantu kien jirrigwarda l-parti tar-rigal, dana ġà ġie rilevat, għax il-konvenut Spiteri ma ddeduċiex domanda fuq dik il-pretensjoni. Minn dana li ntqal jidher ċar li ebda raġun ma hemm biex jiġi sostnut il-mandat ta' l-impediment tas-safar;

Iżda, barra minn dana li ġie rilevat, il-Qorti *tirrileva* wkoll li fit-talba għall-mandat in kwistjoni l-konvenut Spite-

ri ma osservax il-formalità preskritta mill-liġi fl-art. 866 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Dik il-formalità mhix ozjuża fil-liġi, għax per mezz tad-dikjarazzjoni l-Qorti, qabel ma tordna l-ħruġ tal-mandat, tkun inqiegħda f'pożizzjoni li taċċerta ruħha jekk ir-rikorrent ikollux almenu xi fondament jew apparenza ta' dritt u neċessità li jikkawtela d-dritt minnu msemmi fil-mandat; għax il-Qorti għandha dejjem id-dritt li tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat meta jirriżultalha, anki "aliunde" minn atti pendenti quddiemha, li lok tal-mandat ma jkunx hemm. U ċertament, li kieku fir-rikors il-konvenut Spiteri semma li ried jikkawtela d-drittijiet dedotti fiċ-ċitazzjoni numru 516 ta' l-1947 pendenti quddiem din il-Qorti, il-Qorti ma kienetx sejra tinjora d-deċiżjoni tagħha ta' dak innhar stess li biha kienu ġew revokati żewġ mandati kawtelatorji maħruġa kontra l-attur Bartolo. Il-konvenut Spiteri fir-rikors ma semma xejn dik il-kawża, u semmiha biss fir-risposta wara li Bartolo b'rikors talab ir-revoka tal-mandat. Dik l-ommissjoni ta' forma meħtieġa mill-liġi ġiebet preġudizzju lil Bartolo li ma setax jissewwa blief bl-annullament ta' l-att; salva r-revoka li talvolta kien hemm lok għaliha għal raġunijiet oħrajn; inklużi dawk li ġà ġew rilevati. Għalhekk il-mandat, in kwantu għadu jseħħ u għall-parti li għadha sseħħ, huwa null, skond l-art. 792 § 1 (e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Minn dana li ġie rilevat jidher ċar li l-konvenut Spiteri, qabel ma talab il-ħruġ tal-mandat, ġà kien jaf bil-vera pożizzjoni; għax dina ġiet ikkjarifikata bid-deċiżjoni ta' dil-Qorti tat-23 ta' Jannar 1948; u għalhekk ma kellux raġun jitlob dak il-mandat għall-kawtela tat-trasferiment tal-permess li l-attur Bartolo ma kellux fuq il-ħanut "Falrex"; u għalhekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' l-impediment tas-safar li dak Spiteri għamel fit-23 ta' Jannar 1948, bl-ommissjoni tad-dikjarazzjoni preskritta fl-art. 866 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ma tistax ma tiġix kunsidrata bħala magħmula malizzjożament għall-vessazzjoni ta' l-attur Bartolo; u għalhekk hemm lok tal-penali stabbilita fl-art. 869 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Barra minn dan, peress li fuq il-pretensjoni ta' parti tarrigal il-konvenut Spiteri ma ddeduċiex it-talba fiż-żmien preskritt mill-liġi, daka Spiteri rrenda ruħu responsabili tad-danni

u l-imgħaxijiet, skond l-art. 872 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u rrenda ruħu wkoll responsabili tad-danni u ta' l-imgħaxijiet l-istess Spiteri talli għall-pretensjoni l-oħra talab ingħustament il-mandat u mexxielu jieħdu, kontra l-attur Bartolo, skond l-art. 870 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tipprovdi l-ewwel talba billi tiddikjara null il-mandat in kwistjoni in kwantu ma ġiex revokat bid-digriet tal-10 ta' dak ix-xahar, u għalhekk tordna l-ħruġ tal-kontromandat skond il-liġi; tilqa' t-tieni talba, billi tiddikjara lill-konvenut responsabili tad-danni, likwidabili f'ġudizzju separat; u tilqa' l-aħħar talba billi tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur penali ta' £50;

L-ispejjeż ibatihom il-konvenut.